

# TAGĦRIF DWAR

# ĠUŻEPPI CARUANA

## L-istatwarju li ħadem

## l-istatwa tal-Malta

**Jikteb Don Camilleri - PRO**



Ġużeppi Caruana twieled Bormla fit-30 ta' Ottubru 1887, mill-ġenituri Giovanni Caruana u Maria Concetta nee' Zorbios li kienet ta' nisel Franciż. Omm Ġużeppi Caruana mietet ftit wara t-twelid tiegħu u għalhekk kellu jitrabba ma żewġ zijiet xebbiet anzjani u ma zijuh S. Marcio'. Dan ta' l-aħħar kien hu li beda jħarreġ lil Ġużeppi f' l-arti minn meta dan kien għadu daqxejn ta' tifel. F'Din l-eta kien diġa beda jagħmel vari tat-tafal u tal-karta pesta, kif ukoll xi pasturi għall-presepju tiegħu. F'Bormla fejn huwa trabba kien magħruf bħala ta' Marcio'.

Huwa beda l-istudju tiegħu f' l-arti fl-iskola industrijali tal-Kottonera taħt is-Sur Vincenzo Cardona, skultur Taljan. Huwa wkoll tħarreġ fix-xenografija ma pitturi Taljani, fit-Tejatru Rjal.

Aktar tard fis-snin għoxrin, Ġużeppi Caruana daħal jgħallem id-disinn fl-iskejjel tal-Gvern. Kin f'dan iż-żmien ukoll li beda jaħdem fil-kartapesta u kien jagħmel vari għall-knejjes u għat-triqat għall-fésti ta diversi pajjiżi.

Huwa ħadem l-istatwa tal-Malta tal-Kalkara fl-1921 u hija meqjusa fost l-aqwa mix-xogħolijiet tiegħu. Statwa tajba oħra tal-Malta li ħarġet minn idejn Ġużeppi tinsab f'Ħaż-Żabbar. Ta' min jgħid li barra l-istatwa tal-Malta tal-Kalkara, huwa ħadem ukoll it-tlett Torok ta' madwara. Din l-istatwa, din is-sena ġiet restawrata minn Pawlu Aquilina tar-Rabat Għawdex u ndurata mis-Sur Joe Gatt mill-Birgu.

Iżda Ġużeppi Caruana mhux dawn l-istatwi bis ħadem, imma ferm iktar fosthom ħafna statwi tal-Ġimgħa l-Kbira: ta' l-Ort u l-Veronika (Ħaż-Żebbuġ); l-anġlu ta' l-Ort (Birgu); San Martin (Baħrija); Marija Bambina (Rabat jew aħjar l-Imtaħleb); Santa Tereza (Bormla) u ħafna oħrajn.

Waħda mill-kummissjonijiet li kien ħa Ġużeppi Caruana fl-1952 kienet l-inkarigu biex jibdel wiċċ id-Duluri ta' Ġiesu tal-Belt. Wara ħafna biża li dan seta ma jintogħġobx, fis-16 ta' Diċembru ta' l-istess sena l-Fratellanza f'ittra rringrazzjatu u ferħitlu għax l-istatwa kienet ġiet ferm isbaħ minn qabel. Ġużeppi kien magħruf

għall-uċuħ sbieħ li kien jagħmel lill-istatwi tiegħu u barra minn hekk huwa kien devot kbir tal-Madonna u artist verament nisrani.

Barra statwi Ġużeppi ħadem ukoll bosta disinji għal ħafna knejjes. Fosthom il-bandalori tas-sebgħa kelmiet li jintużaw għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ. Huwa ukoll iddisinja u pinġa bosta standardi fosthom tal-baned, kif ukoll pitter fid-dekorazzjoni ta' diversi swali fsothom tal-Każin tal-Banda "San Ġorġ" ta' Bormla. Iżda fuq kollox l-iktar li baqa magħruf għalihom kienu l-istatwi sbieħ tal-kartapesta li huwa kien jagħmel.

Ġużeppi Caruana kien jagħallem id-disinn fl-iskejjel tal-Gvern ta' Ħal-Tarxien u Ħaż-Żabbar. Fl-eta ta' 42 sena huwa żżewweġ lil Maria Borg, it-tifla tal-Kaptan Vincenzo Borg u Maria Concetta nee' Inglott f'Bormla fit-12 ta' Awissu 1930. Wara li romol huwa reġa' iżżewweġ, din id-darba lil Maria Stella Pace, it-tifla ta' Francesco Pace dei Conti Ubaldini u Olumpia nee' Cardona fis-16 ta' Ottubru 1950 f' Birżebbuġia.

L-istatwarju magħruf Ġużeppi Caruana miet fit-30 ta' Ġunju 1973 fl-Isptar San Luqa fl-eta ta' 85 sena. Huwa ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Maria Addolorata fil-qabar numru 15, kompartiment F, Sezzjoni G, fl- "east division".

Riferenza: Leħen is-Sewwa tal-15 ta' Mejju 1982.

PERESSO PRINTING PRESS

Offset and Letterpress Printers

171, MERCHANTS STREET, VALLETTA VLT 03

TELEPHONE: 246725, 230469 FAX: 240624